KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħamsin (50)***

***Il-Ħamis, 4 t' Awwissu, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**50.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

50.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 49 li nżammet nhar it-Tlieta , 12 ta' Lulju, 2022.

50.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 49 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moħqrija.

50.2.3 **Mozzjoni 50-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 49.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 49 ġew approvati unanimament.

**50.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 50(08) – Awwissu 2022***

50.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 49(08) permezz cheque numru 7193-7195 (ref. 10454-10455) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10445 sa 10484 li jammontaw €22,978.88

50.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll żewġ ħlasijiet oħra, wieħed tal-ħaddiem tagħna li kien daħal inaddaf wara l-Kunċert li jammonta għal €200 filwaqt li hemm ħlas ta' €295.98 għall-riklamar fuq il-paġni soċjali (li kienu *sponsored*) li saru għall-Karnival kif ukoll rigward il-petizzjoni tal-kamra tan-Nar u ħlas għall-filming bi *drone* li jammonta għal €100.

50.3.2 **Mozzjoni 50-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 50(08) bl-ammont ta' €22,978.88 kif ukoll iż-żewġ pagamenti msemmija f'materja 50.3.2

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 50(08) ġiet approvata unanimament.

**50.4 <u>Korrispondenza</u>**

50.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċiviet kwotazzjoni għal bandla aċċessibli għal tfal li jagħmlu użu minn wheelchair. L-kwotazzjoni hija ta' €10,300 mingħajr VAT. Il-Kunsill qabel li jinkludiha f'xi proġett meta jkun hemm il-fondi.

50.4.2 Rigward iż-żona ta' Triq l-Andar, fejn konna ġejna nfurmati dwar illegalitajiet, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kien ġa ġie rrapurtat fi Frar ta' din is-sena. Meta erġajna tkellimna, il-Kunsill ġie nfurmat li l-każ qed jiġi segwit u għandu jerġa jsir kollox kif kien bil-ħamrija.

50.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Onorevoli Alicia Bugeja Said tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill il-Ġimgħa 16 ta' Settembru 2022 fil-5pm. Il-Kunsill ikkonferma.

50.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata minn Malta and Gozo Ads li għandhom sit soċjali u qed jitolbu jekk il-Kunsill hux interessat li jkun fil-lista ta' Kunsill fuq dan is-sit. Il-ħlas huwa ta' €165 kull sena. Il-Kunsill ma qabilx ma din l-ispiża.

50.4.5 Tressqet talba mingħand il-Klabb tal-Boċċi dwar attivita' li jixtiequ jorganizzaw. Il-Kunsill qabel li bħala għajnuna lill-Għaqda Lokali, il-Kunsill jista' jeżenta l-ħlas fuq il-permess tal-attivita', jista' jagħti ukoll l-istall tal-injam, f'każ li jkun hemm bżonn l-użu tal-vann tal-Kunsill jista' jingħata u jagħti ukoll l-aċċess għall-użu tal-latrini. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħti rikonoxximent lill-Klabb tar-rebħ tal-kampjonat.

50.4.7 Tressqet talba sabiex isiru *speed humps* fi Triq il-Gistakor u Triq il-Milwa. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li l-*ispeed humps* ħafna drabi jkun ta' inkonvenjent għar-residenti.

50.4.8 Tressqet korrsipondenza rigward il-European Mobility Week 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jsir *webinar* nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu fil-11am.

50.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*Audited Financial Statements* għadhom mhux finalizzati min-naħa tal-awdituri. Id-dokumentazzjoni kollha mitluba ġiet mgħoddija lill-awdituri filwaqt li l-*fieldwork* sar f'April. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tikkonsulta mas-Sindku biex issir laqgħa b'urġenza biex jiġu approvati l-Financial Statements immedjatament kif jiġu finalizzati mill-awdituri.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Andreas Gatt (19:15)*

50.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-proġett li qed isir mill-Assoċjazzjoni rigward il-kontroll tal-ħamiem. Hija spjegat li f'dan il-proġett irid jitpoġġa kontenitur li jkun fih l-ikel medikat f'post pubbliku. Il-Kunsillier Keith Fenech kif ukoll il-Kunsillier Andreas Gatt ma jaqblux li jsir dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jitlob permess lill-Kappillan biex issir fuq il-bejt tal-Knisja.

**50.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

50.5.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona biex jiżdiedu iktar *bins* f'Bir id-Deheb. Il-*bins* għandhom jitwaħħlu f'żoni fejn ma jkunux quddiem residenzi jew ħwienet. Il-Kunsill qabel.

50.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitkabbar il-parapett tal-Knisja ta' San Filippu. Filwaqt li s-Sindku jaqbel, il-kumplament tal-Kunsill ma qabilx li ssir. Din kienet deċiżjoni ta' IM wara konsultazzjoni ma esperti fl-immaniġjar tat-traffiku.

50.5.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm problema fil-katusi tad-dranaġġ fit-Triq il-Gudja fejn meta saret it-triq il-katusa tad-dranagg ta' resident saret quddiem resident ieħor. Is-Sindku qal li se jkellem lill-Perit biex insibu soluzzjoni u filkaż naraw kif nistgħu nirranġaw.

50.5.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li it-turf tal-*mini pitch* li sar fl-2018 qiegħed jinqala' kollu u hemm bżonn jitranġa. Il-Kunsill qabel li naraw il-garanzija filkaż nkellmu l-kuntrattur li kien għamel ix-xogħlijiet.

50.5.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsiru *planters* fi Triq it-Tgeżwira, biex il-karrozzi ma jipparkjawx sa mal-ħajt u jħallu aċċess għan-nies. Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet.

50.5.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment li fi Triq Guzeppi Naudi qegħdin jidħlu t-trakkijiet u qed ikissru l-kaptelli. Is-Sindku ssuġġerixxa li t-tappieri jinbidlu u jsiru iktar b'saħħithom. Il-Kunsill ma qabilx.

50.5.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment mingħand resident li qed jitlob li jsir double line faccata tal-garage peress li ma jistax joħroġ. Il-Kunsill qabel li jitlob l-intervent tat-TM.

**50.6 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

50.6.1 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li r-*Risk Assessment* rigward il-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien se jsir u l-istima se tkun sa massimu ta' Eur1000. Il-Kunsill approva.

50.6.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li jitneħħew il-*parkings* li hemm fi Triq San Filippu minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li dejjem tinħoloq minħabba li t-triq ma tippermettix li jgħaddu żewġ karozzi. Il-Kunsill kien talab l-approvazzjoni tat-TM iżda risposta qatt ma ingħatajna minkejja diversi reminders. Is-Sindku Darren Abela qal li se tinħoloq problema jekk jitneħħew il-parkeġġi u għaldaqstant ma jaqbilx. Il-Kumplament tal-Kunsill qabel li jitneħħew b'mod immedjat sabiex tissolva l-problema.

50.6.3 Rigward is-suġġerimenti li kienu tressqu lit-TM dwar Traffic Management Plan, il-Kunsill qabel li ssir laqgħa biex din tiġi diskussa.

**50.7 Mozzjonijiet**

50.7.1 Annessi mal-Minuti

**50.7.8 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

50.7.8 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Settembru 2022 fil-5.30pm u ssir laqgħa straordinarja biex jiġu approvati l-Financial Statements.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 50**

**Mozzjoni Ref:** 50-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 49

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 4 ta'Awwissu 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 50**

**Mozzjoni Ref:** 50-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 50/08

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 4 ta' Awwissu 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**